

**Brussell, 17 ta' Settembru 2021
(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:
2016/0107(COD)**

**9722/21
ADD 1**

**DRS 32
COMPET 476
ECOFIN 594
FISC 99
CODEC 882**

ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2013/34/UE fir-rigward tad-divulgazzjoni tal-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu minn ċerti intrapriżi u fergħat (CBCR) COM(2016)0198 – C8-0146/2016 – 2016/0107(COD)
- Abbozz ta' Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-12 ta' April 2016, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta msemija hawn fuq għal Direttiva¹ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fil-21 ta' Settembru 2016².
3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-27 ta' Marzu 2019³.
4. Il-Presidenza nġhatat mandat ta' negozjar⁴ fit-3 ta' Marzu 2021. B'kollox kien hemm tliet trilogi.
5. Fis-17 ta' Ġunju 2021, il-Presidenti tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON) u tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI) indirizzaw ittra lill-Presidenza fejn indikaw li, jekk il-Kunsill jibgħat il-pożizzjoni tiegħu lill-Parlament b'mod formali fil-forma kif ġiet ippreżentata fl-Anness għal dik l-ittra, huma jirrakkomandaw li l-Plenarja tal-Parlament tapprova l-pożizzjoni tal-Kunsill mingħajr emenda, fit-tieni qari tal-Parlament.

II. OBJETTIV

Id-Direttiva tirrikjedi li ċerti intrapriżi multinazzjonali jiddivulgaw pubblikament, f'rapport speċifiku, it-taxxa fuq l-introjtu li jħallsu flimkien ma' informazzjoni rilevanti oħra.

L-intrapriżi multinazzjonali bi dħul ta' aktar minn EUR 750 miljun ser ikun jeħtiġilhom li jikkonformaw ma' dawn l-obbligi addizzjonali ta' trasparenza. Għall-ewwel darba, anki l-kumpanniji multinazzjonali mhux Ewropej involuti fin-negozju fl-UE ser jiġu affettwati, permezz tas-sussidjarji u l-fergħat tagħhom, bl-istess obbligi ta' rapportar bħall-intrapriżi multinazzjonali fl-UE.

¹ Dok. 7949/16

² Dok. 12641/16

³ P8_TA(2019)0309

⁴ Dok. 6399/21

Il-proposta tikkomplementa l-obbligi tar-rapportar finanzjarju attwali tal-intrapriżi skont id-Direttiva Nru 2013/34/UE (id-Direttiva dwar il-Kontabilità) u ma tinterferix ma' dawn ir-rekwiżiti f'dak li għandu x'jaqsam mar-rapporti finanzjarji tagħhom, pereżempju fir-rigward tal-pubblikazzjoni tal-kontijiet annwali tagħhom.

Din il-proposta ma timmodifikax ir-regoli diġà fis-seħħ dwar ir-rapportar mhux finanzjarju u s-CBCR settorjali kemm għas-settur bankarju kif ukoll għall-industriji tat-tħaffir u tal-qtuġħ tas-siġar għall-injam. Madankollu tintroduċi eżenzjoni biex jiġi evitat ir-rapportar doppju għas-settur bankarju, li diġà huwa soġġett għal regoli rigorużi ta' rapportar pubbliku fil-leġislazzjoni bankarja tal-UE.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

A. Kwistjonijiet ġenerali

Il-Parlament u l-Kunsill wettqu negozjati bil-għan li jikkonkludu ftehim bikri fit-tieni qari abbażi ta' pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari li l-Parlament seta' japprova kif kienet. It-test tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari jirrifletti b'mod sħiħ il-kompromess milħuq bejn il-koleġislaturi.

B. Kwistjonijiet ewlenin

Matul in-negozjati, il-koleġislaturi rnexxielhom jilhqqu kompromess fil-bidu ta' Ġunju 2021. Il-punti prinċipali tal-kompromess milħuq mal-Parlament jinkludu:

- **Aggregazzjoni/diżaggregazzjoni tal-informazzjoni tar-rapportar:**
Id-diżaggregazzjoni hija stabbilita biss (i) għall-Istati Membri tal-UE, (ii) għall-ġurisdizzjonijiet tat-taxxa ta' pajjiżi terzi fl-Anness I tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa, u (iii) għall-ġurisdizzjonijiet tat-taxxa ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Anness II tal-istess sett ta' konklużjonijiet tal-Kunsill għall-aħħar sentejn konsekuttivi.

- **Klawsola ta' salvagwardja:** Il-koleġiżlaturi qablu li jżommu t-tul tal-perijodu tal-klawsola ta' salvagwardja għal ħames snin.
- **Informazzjoni li għandha tiġi ppubblikata:** Din il-kwistjoni ġiet maqbula abbażi tal-mandat rivedut tal-Kunsill.
- **Mudell komuni, format elettroniku tar-rapportar u pubblikazzjoni tal-informazzjoni:** Din il-kwistjoni ġiet maqbula abbażi tal-mandat rivedut tal-Kunsill.
- **Klawsola ta' rieżami:** Il-koleġiżlaturi qablu li l-Kummissjoni ser tipprovdi rapport erba' snin wara d-data tat-traspożizzjoni.
- **Dikjarazzjoni mill-awditur statutorju:** Il-koleġiżlaturi qablu li l-awditu jista' jwettaq biss verifika fattwali tal-pubblikazzjoni tar-rapport, u mhux tal-kontenut tiegħu.
- **Perijodu ta' traspożizzjoni:** Ġie stabbilit perijodu ta' traspożizzjoni ta' 18-il xahar.

IV. KONKLUŻJONI

Il-pożizzjoni tal-Kunsill tirrifletti b'mod sħiħ il-kompromess milħuq fin-negozjati bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, bil-kontribut tal-Kummissjoni. Dan il-kompromess huwa kkonfermat bl-ittra li l-Presidenti tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON) u tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI) indirizzaw lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fis-17 ta' Ġunju 2021. F'din l-ittra, il-Presidenti tal-Kumitat ECON u tal-Kumitat JURI indikaw li ser jirrakkomandaw lill-membri ta' dawn il-kumitati, u sussegwentement lill-Plenarja, biex japprovaw il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi fit-tieni qari tal-Parlament Ewropew, soġġett għal verifika mill-ġuristi lingwisti taż-żewġ Istituzzjonijiet.